Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2010

Rikors Numru. 41/2009

**Edmond Espedito Mugliett u Maria Teresa Mugliett (ID 661762M u 21162G)**

**-v-**

**Il-Ministru tal-Gustizzja u l-Avukat Generali u b'digriet tal-14 ta' Lulju 2009 John Patrick karta tal-identita' numru 282941M u Mary Carmen karta tal-identita' numru 449442M mizzewgin Hayman, Christopher Hayman karta tal-identita' 370970M u Raymond Pickard karta tal-identita' numru 232465M f'ismu propju u bhala legittimu rapprezentant ta' bintu minuri Elaine gew ammessi jintervjenu fil-kawza in statu et terminis**

Il-Qorti

Rat ir-rikors kostituzzjonali tal-konjugi Edmond Espedito Mugliett u Maria Teresa Mugliett fejn gie premess:-

Illi b’sentenza tal-Prim Awla fl-ismijiet “John Patrick Hayman et vs Edmond Espedito Mugliett et.” (Citaz. 1059/2003 GCD) datata 2 ta’ Gunju, 2006, l-esponenti gew ikkundannati jiddepositaw gewwa kont bankarju s-somma ta’ Lm40,500 fi flus kontanti, flimkien ma’ imghax fuq l-istess somma kapitali kalkolati mid-data 21 ta’ April, 2001 sad-depositu effettiv, liema somma kapitali kienet gie zbankat mill-esponenti Edmond Mugliett mill-istess kont bankarju fil-Bank of Valletta li kien “joint account” f’isem ir-rikorrenti Edmond Espedito Mugliette u n-Nutar John Hayman li miet fl-20 ta’ April, 2004.

Illi l-esponenti kienu opponew it-talbiet kif dedotti mill-atturi f’dik il-kawza billi dawk it-talbiet kienu nieqsin mill-interess guridiku u kienu nulli u irriti peress illi huwa inkoncepibbli illi wiehed jigi ordnat illi jhallas ammont ta’ flus u/jew li jaghmel tajjeb ghad-danni likwidati qabel jew minghajr ma jigi determinat illi l-persuni konvenuti huma debituri tal-atturi fl-istanza fejn dina d-determinazzjoni ssir. Illi l-esponenti kienu talbu “per via ta’ eccezzjoni” illi issiru l-provi illi l-mejjet Nutar John Hayuman kien biss “prestanome” fuq il-kont u li kien jaf illi l-flus u l-kont ma kienux jappartjenu lilu izda lill-esponenti. Dina t-talba giet michuda.

Illi l-esponenti appellaw dina is-sentenza datata 2 ta’ Gunju, 2006 fuq l-istess aggravji u fuq l-bazi illi kienet inkonceppibbli illi sentenza bhala dina tkun esegwibbli qabel l-konvenuti jigu kanonizzati debituri u/jew responsabbli ghad-danni. Illi b’sentenza tal-Qorti tal-Appell moghtija fis-27 ta’ Gunju, 2008, l-appell taghhom gie michud billi l-imsemmija sentenza giet ikkonfermata “in toto” salv illi l-ammont tas-somma kapitali li kellha tigi depositata tkun ekwivalenti f’moneta euro, u l-istess appell tal-esponenti gie meqjus bhala frivolu u vessatorju u gew akkordati kontra taghhom d-doppju spejjes.

Illi l-imsemmija sentenza ma gietx esegwita mill-atturi permezz ta' mandati esekuttivi, in vista tal-fatt illi s-

sentenzi taz-zewg istanzi qatt ma iddecidew, anzi espressament irriservaw l-ipotesi illi l-esponenti huma unikament jew in parte l-propjetarji tal-istess kont bankarju, u tal-flus li kienu gew irtirati. Illi l-esponenti hallsu l-ispejjes tal-kawzi kif kienu ordnat.

Illi fl-1 ta' Jannar, 2009, dahal in vigore l-artikolu 388A tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe', l-mandat in "procinctu" u fis-16 ta' Frar, 2009, u l-atturi f'dik il-kawza ippresentaw rikors ghall-hrug ta' mandat "in procintu" (379/2009) quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili li fih talbu illi tinbiegh f'subbasta d-dar tal-esponenti, "Rose Cottage", Karm Psaila Street, B'kara, taht id-dirigenza tar-Regisratur tal-Qorti sabiex ir-Regisratur mir-rikavat tas-subasta jiddeposita s-somma ta' Lm40,500 u l-imghaxijiet, u dan skond u in esekuzzjoni tas-sentenza tas-27 ta' Gunju, 2006, u jekk hemm bilanc mir-rikavat tas-subasta, ir-Regisratur jaghtih lill-esponenti.

Illi b' digriet kamerali tal-istess Prim Awla tal-Qorti Civili, datat 3 ta' April, 2009, nonostante l-opposizzjoni mill-esponenti, laqghet it-talba tal-atturi u harget l-ordni f'idejn ir-Regisratur taghha biex jesegwixxi s-subasta tad-dar tal-esponenti.

Illi l-esponenti, b'rikors individwali presentati minnhom, skond l-artikolu 281(1) tal-Kap.12, talbu l-Prim'Awla tal-Qorti Civili tirrevoka dina l-ordni, u wara smiegh u trattazzjoni seduta stante, dik l-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba b'sentenza moghtija minnha fl-14 ta' Mejju, 2009.

Illi l-esponenti appellaw mis-sentenza ta' astenjsoni ghall quddiem il-Qorti tal-Appell u talbu t-thassir tas-sentenza tal-astenjsoni.

Illi l-esponenti quddiem il-Qorti tal-Appell talbu r-rikuza tat-tlett Sinjuri Mhallfin Vincent DeGaetano, Albert Magri u Tonio Mallia, li kienu l-istess mhallfin li kienu taw s-sentenza ta' dik il-qorti fis-27 ta' Gunju, 2008, izda dina l-eccezzjoni giet michuda.

Illi fis-26 ta' Gunju, 2009, l-istess Qorti tal-Appell, preseduta mill-istess mhallfin, hassret s-sentenza appellata fejn l-ewwel qorti astjeniet, u flok ma jirrimandat ir-rikors lura lill-prim istanza, dahlet fil-meritu tar-rikors ghar-revoka, cahdet it-talba tal-esponenti u riaffermat l-ordni tal-mandat in procinctu, u cioe, il-bejgh in subbasta tal-fond tal-esponenti. Illi minhabba t-termini fatali ta' 30 gurnata li fihom l-ewwel qorti trid tiddeciedi dawn ir-rikorsi skond l-Artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-esponenti gew deprivati mid-dritt tad-doppja ezami moghtija lilhom mill-ligi.

Illi fis-16 ta' April, 2009, l-esponenti kienu kostretti li huma stess jifthu kawza petitorja kontra l-atturi sabiex jigi dikjarat u determinat illi l-flus u kont bankarju in kwistjoni, ta’ min huma. Illi dan sar sabiex jinstigaw "a fair hearing" u jipproteggu t-tgawdija pacifika tal-patrimonju taghhom fil-konfront tal-minaccia tal-proceduri in procinctu, izda dan il-fatt ukoll gie meqjus bhala non sequitur mill-istess Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tas-26 ta' Gunju, 2009.

Illi l-esponenti issa gew kostretti illi jippresentaw dan ir-rikors kostituzzjonali sabiex jissalvagwardjaw irwiehom u lill-propjeta' personali taghhom mill-vjolazzjoni tad-drittijiet umani fondamentali taghhom kif se jinghad:-

Ksur tal-artikolu 1 u 6(1) u 8(1) tal-Konvenzjoni Europea.

Illi l-effett kumplessiv tas-sentenzi u digrieti fuq imsemmija huwa illi l-esponenti gew deprivati u se jigu spussessati mit-tgawdija pacifika tal-proprjeta' privata taghhom gudizzjarament, filwaqt illi - ma hemm ebda akkuza jew htija kriminali kontra taghhom f’dak li jirrigwarda l-avvenimenti tal-21 ta' April, 2001, meta l-esponent Mugliett zbanka l-ammont ta' Lm40,500 mill-kont bankarju tieghu li kien fl-isimijiet "Edmond Espedito Mugliett and Dr. John Hayman" bl-indirizz fuq il-kont ta’ "Rose Cottage", Karm Psaila Street, B'kara - ma hemm ebda decizjoni ta’ qorti civili jew tribunal li kkanonizzat lill-esponenti bhala debituri lejn l-eredi tan-Nutar Hayman, f’xi somma ta' flus, u “multo magis” bhala li "ex delictu" huma responsabbli ghad-danni pagabbli lill-eredi tan-Nutar

Hayman - ma hemm ebda procedura ohra attwali fejn min ottjena l-hrug ta' mandat in procinctu (u l-ordni tas-subasta) gie kanonizzat kreditur ta' xi somma ta’ flus u danni kontra l-esponenti - l-esponenti gew prekluzi fl-iter kollu ta'dawn il-kawzi u proceduri illi jitolbu per via ta’ eccezzjoni illi tigi ittrattata l-kwistjoni ta’ propjeta’ ta’ dawn il-flus - s'issa, il-proceduri kienu kollha ta’ natura kawtelatorja u "prima facie", waqt illi l-mandat in procinctu huwa mandat unikament intiz bhala mandat esekuttiv.

Illi l-Artikolu 1 tal-Konvenjoni jghid:- “Every natural or legal person is entitled to the peaceful enjoyment of his possessions. No one shall be deprived of his possessions except in the public interest and subject to the conditions provided for by law and by the general principles of international law” u “The preceding provisions shall not, however, in any way impair the right of a State to enforce such laws as it deems necessary to control the use of property in accordance with the general interest or to secure the payment of taxes or other contributions or penalties."

Illi l-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni jghid: “In the determination of his civil rights and obligations or of any criminal charge against him, everyone is entitled to a fair and public hearing within a reasonable time by an independent and impartial tribunal established by law... "
Illi l-Artikolu 8 (1) tal-Konvenzjoni jipprotegi lic-cittadin minn indhil fit-tgawdija tal-hajja privata tieghu u tar-residenza tieghu, u dan id-dritt huwa abbinat mad-drittijiet fundamentali mfissra fl-artikoli 1 u 6(1) tal-Konvenzjoni. Il-fond in kwistjoni hija id-dar matrimonjali residenzjali tal-esponenti u uliedhom, li fuqha qaghad hemm "home loan" li ghadu qieghed jithallas.

Argument u Kazistika.

Illi l-Qorti Kostituzzjonali taghna fil-kawza "Joseph Busuttil nomine vs Prim Ministru et." deciza fl-20 ta' Lulju, 1994, l-Kontrollur tad-Dwana wara mandat ta’ qbid esekuttiv li ottjena taht id-disposizzjonjiet specjali (gia Art. 466 tal-

Kap.12) u ghadda biex jitlob il-bejgh in subbasta tal-oggetti maqbuda. Il-Qorti Kostituzzjonali qalet:

"Diga’ gie accettat illi mhux il-hrug tal-mandat ta’ qbid fih innifsu taht l-Artikolu 466 - in kwantu dak li hu mizura kawtelattiva tal-kreditu tal-Gvern - li tista' tkun oggezzjonabbli. Huwa l-bejgh sfurzat ta’ oggetti maqbuda minghajr il-htiega li l-kreditu jigi kanonizzat u bla ma jippermetti l-ebda opposizzjoni li twaqqaf l-esekuzzjoni tal-mandat, illi ovvjament johloq l-attrit gravi mac-cittadin li jsib ruhu ghal kollox inermi u impotenti kontra l-forza tal-esekuzzjoni gudizzjarja mqieghda bil-ligi f’idejn il-Gvern."

Illi dina s-silta hija l-motivazzjoni li wasslet lill-Qorti Kostituzzjonali biex tiddikjara illi kull argument illi s-sekwestrat jista' b'xi mod jfittex wara l-bejgh lill-Gvern ghad-danni huwa inaccettabli, u iddikjarat illi l-hrug ta' mandat esekuttiv (sakemm non si tratta ta' taxxi u dazji li jaqghu barra mill-artikolu 1) mahrug skond disposizzjonijiet li jesentaw lis-sistema gudizzjarja milli takkorda lic-cittadin smiegh xieraq quddiem Qorti jew Tribunal imparzjali u independenti mwaqqfa bil-ligi biex jiddertiminaw id-drittijiet u obbligi civili jivjolaw l-Artikolu 6 (1) tal-istess Konvenzjoni.

IIli l-Qorti Kostituzzjonali taghna fil-kazwa "Vincent Borg et vs Prim Ministru et" deciza fil-15 ta’ Ottubru, 2008, gie ripetut l-principju illi l-Artikolu 6(1) “mhux biss jikkontjeni garanziji procedurali fir-rigward ta’ proceduri gudizzjarji, izda ukoll jiggarantixxi d-dritt ghal tali proceduri fil-kazijiet msemmija fl-artikolu (jigifieri fil-kaz ta’ "the determination of a civil right and obligation) .... Dan id-dritt .. irid jkun wiehed effettiv u reali u mhux arginat b’ostakoli jew limitazzjonijiet procedurali li jgibuh fix-xejn."

Illi l-opposizzjoni tal-esponenti, li giet skartata mill-Onorabbli Qrati, kien illi l-ewwel u l-unika talba tal-atturi, l-eredi tan-Nutar Hayman, fic-citazzjoni taghhom presentata fis-sena 2003, kienet propju dan - kif setghu jiccitaw lill-esponenti biex jirrifondu, u cioe ihallsu, somma ta’ flus, jew jroddu oggett li jinsab f idejhom, f’ gudizzju li ma jaghtix lic-citat l-opportunita’ ta’ smiegh xieraq dwar it-

titlu ta' dawn il-flus jew oggett li jinsabu f'idejh, jew minghajr issir smiegh xieraq illi l-attur huwa intitolat.

Illi l-premessi tal-eredi tan-Nutar Hayman fil-process fuq imsemmi, mibdi fis-sena 2003, (sentejn wara l-izbank) u li gew adottati mill-qrati taz-zewg istanzi, kienu illi l-izbank kien “unilaterali” u li Edmond Mugliett kien “ha l-ligi b' idejh”. Illi fil-kamp civili, l-kuncett kriminali ta' “raggion fattesi” ma jreggix. Hemm biss l-azzjoni ta' spoll, pero' dina ghandha l-elementi specjali taghha, inkluz iz-zmien perentorju ta' xaghrejn li fih ghandha tigi mressqa. L-azzjoni tal-ispoll hija l-kawtela u protezzjoni tal-pussess quo ante l-ispoll u l-uniku kaz fejn l-spoljant huwa perkluz milli jipprova titolu ahjar mis-spoljat. Barra l-kazijiet ta' spoll, l-konvenut dejjem ghandu d-dritt ta' smiegh xieraq dwar titolu, sancit fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni, qabel ma jkun hemm esekuzzjoni li tiddiprivah mit-tgawdija tal-propjeta privata tieghu.

Ksur tal-Kostituzzjoni

Illi ghall-istess raguni huwa sottomess illi l-ordni tal-bejgh tal-propjeta tal-esponenti tivvjola ukoll l-Artikoli 37(1), 38(1) u 39(2) u (3) tal-Kostituzzjoni, simili ghall-Artikolu 6(1), Artikolu 8(1) u Artikolu 1 tal-Konvenzjoni, u illi l-esponenti issa ezawrixxew kull rimedju appartenenti lilhom.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha r-rikorrenti qed jitolbu li din il-Qorti taghti dawk l-ordnijiet u dawk id-drittijiet fundamentali taghhom protetti mill-Artikoli 37(1), 38(1) u 39(2) u (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll mill-Artikoli 1, 6(1) u 8(1) tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, fosthom billi jigi dikjarat li l-ordni mahruga bil-mandat in procintu 284/2009 mahrug mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' April, 2009, lir-Registratur tal-Qrati, li jbiegh l-propjeta' tal-esponenti bis-subasta, tikkosttiwixxi ksur tad-drittijiet funamentali sanciti mill-fuq imsemmija disposizzjonijiet, billi tiddikjara illi s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-2 ta' Gunju, 2006 fl-ismijiet “John Patrick Hayman et vs Edmond Espedito Mugliett et” u s-sentenza

konfermatorja tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' Gunju, 2008, jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet fundamentali sanciti mill-fuq imsemmija disposizzjonijiet, billi tordna lir-Registratur tal-Qrati, sabiex jieqaf minn kull esekuzzjoni tal-ordnijiet moghtija lilu taht il-mandat in procinctu 284/2009 u billi d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi infurmat b'kwalunkwe thassir jew kontro mandat tal-ordni tas-subasta, billi tordna lill-intimati jhallsu lill-esponenti bhala kumpens ghall-ksur l-ispejjes gudizzjarji intaxxati kollha inkorsi minnhom fil-proceduri msemmija fit-talba numru tnejn (2) u dawk relattivi ghar-rikors taghhom fl-atti tal-istess mandat in procinctu 284/2009, u kwaunkwe kumpens iehor ulterjuri li jidher xieraq u billi taghti kwalunkwe rimedju iehor skond l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

Rat ir-risposta ta' l-intimati fejn gie sottomess:-

1) Legittimu Kontradittur

1.1) Illi preliminarjament l-Ministru tal-Gustizzja mhuwiex il-legittimu kontradittur u ghaldaqstant ghandu jigu liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi in sostenn ta' din l-eccezzjoni referenza ssir ghall-artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. L-Artikolu 181B(1) jipprovdi li l-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-Kap tad-Dipartiment li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni. Fis-subinciz (2) il-ligi tkompli tghid li l-Avukat Generali jirraprezenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartiment tal-Gvern.

(1.2) Illi preliminarjament ukoll il-gudizzju m' huwiex integru u l-azzjoni odjerna hija irrita u nulla stante li t-talbiet dedotti fir-rikors odjern, ma jistghux jigu impostati fil-konfront tal-esponenti billi r-rikors odjern jikkoncerna vertenza bejn partijiet privati, del resto diga deciza mill-Qrati kompetenti u res judicata.

2) Frivola u vessatorja

Illi preliminarjament ukoll l-azzjoni odjerna hija frivola u vessatorja fil-konfront ta’ l-intimati stante li jikkostitwixxu semplicement ir-riproponiment ta’ kwistjoni diga deciza mill-Qrati kompetenti u dan meta dina l-Qorti fil-mansjoni Kostituzzjonali taghha m’hijiex kompetenti biex tiddeciedi kwistjonijiet taht il-ligi ordinarja u biex tiddeciedi jekk Qrati ohra applikawx il-ligi ordinarja korrettement jew le. Din il-Qorti hija kompetenti biss biex tiddeciedi jekk gewx miksura xi drittijiet fondamentali protetti bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni Ewropeja u mhux jekk il-ligi ordinarja gietx applikata korrettement jew le - haga li hija l-uniku skop tar-rikors promotur illi in mankanza ta’ interpretazzjoni skorretta tal-ligi da parti tal-Qrati kompetenti ma jibqa’ xejn sostenibbli fih.

3) L-allegat ksur tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward tal-mertu l-intimati jopponu t-talbiet avvanzati fir-rikors promotur u jirrilevaw illi ma sehh l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem fil-konfront tar-rikorrenti u dan ghas-segwenti motivi li qeghdin jigu avvanzati minghajr pregudizzju ghal xulxin:-

3.1) Illi fir-rigward tat-talbiet kif dedotti fir-rikors, l-esponenti jissottomettu li r-rikorrenti qed jippretendu (i) li l-ordni tal-bejgh tal-propjeta tar-rikorrenti tikser l-Artikoli 37(1), 38(1) u 39(2) u (3) tal-Kostituzzjoni u ta’ l-Artikolu 1, 6(1) u 8(1) tal-Konvenzjoni bla ma jaghtu raguni kif. Inoltre, ir-rikorrenti qed jippretendu (ii) li din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddikjara li s-sentenza tal-Prim Awla li giet ikkonfermata fl-istanza ta’ l-Appell fis- 27 ta’ Gunju 2008 fl-ismijiet “John Patrick Hayman et vs Edmond Espedito Mugliette et” tikser id-drittijiet fundamentali tal-bniedem bla ma tinghata spjegazzjoni xierqa ghaliex qed jigi allegat dan; (iii) ir-rikorrenti qed jippretendu li din l-Onorabbli Qorti ghandha twaqqaf minn kull esekuzzjoni l-ordnijiet moghtija lir-Registratur tal-Qrati a bazi tal-mandat in procinctu numru 284 tas-sena 2009 li inhareg a bazi tal-Artikolu

388E tal-Kap 12 u lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi infurmat bi kwalunkwe thassir jew kontro-mandat tal-ordni tas-subbasta minghajr ma tinghata raguni valida filwaqt li (iv) ir-rikorrenti qed jippretendu ukoll li din l-Onorabbli Qorti ghandha tordna li l-esponenti jhallsu lir-rikorrenti bhala kumpens ghall-ksur l-ispejjez gudizzjarji intaxxati fil-proceduri tal-kawzi u fil-proceduri tal-mandat in procinctu numru 284 tas-sena 2009 li kellhom bhala protagonisti unikament partijiet privati involuti, bla ma taw ebda raguni ghal dan lanqas. Illi ghalhekk ir-rikors promotur huwa ukoll null billi huwa karenti minn motivazzjoni.

4) L-allegat ksur ta' l-Artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni (protezzjoni minn privazzjoni ta' proprjeta bla kumpens).

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jichdu li fic-cirkostanzi odjerni li jirrigwardjaw kwistjoni purament privata bejn ir-rikorrenti u l-eredi tan-Nutar John Patrick Hayman, jivvjolaw l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan ghas-segwenti ragunijiet:-

4.1) Illi dan l-Artikolu jippresupponi li jkun hemm tehid forzuz tal-proprjeta' u li ma jkunx hemm kumpens xieraq. Fil-kaz mertu tal-vertenza odjerna, jinghad li gew intavolati proceduri civili fil-konfront tar-rikorrenti u jirrizulta li ghalkemm ir-rikorrenti kellhom kull opportunita li jirribattu t-talbiet tal-eredi tan-Nutar John Patrick Hayman, anke permezz tal-proceduri tal-Appell, l-ezitu ta' dawk il-proceduri kien li l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ddecidiet fis-27 ta' Gunju 2008 li r-rikorrenti ma kellhomx ragun skond il-ligi u fil-fatt l-appell taghhom gie dikjarat bhala frivolu u vessatorju u r-rikorrenti gew ikkundannati li jhallsu spejjez doppji bhala penali ai termini ta' l-Artikolu 223(4) tal-Kap 12. Inoltre, jirrizulta li r-rikorrenti baqghu inadempjenti milli jottemperaw ruhhom mad-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell li ddecidiet li r-rikorrenti kellhom jiripristinaw il-kont bankarju in kwistjoni bl-ammont ta' flus li kien hemm fih qabel ma gew irtirati flimkien ma' l-imghax relattiv, sabiex min jirreklama xi titolu fuq l-istess flus jikkontesta dik il-pretensjoni. Illi l-fatti ta' dan il-kaz ma jipprezentaw ebda apparenza ta' tehid forzus ta' proprjeta da parti ta' l-Istat u huma biss dwar il-bejgh forzuz ta' proprjeta in ezekuzzjoni

ta’ sentenza tal-qorti – haga li ma taqax fil-parametri ta’ l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jew ta’ l-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni. Inoltre, hija fi kwaunkwe kaz koperta bhala haga legalment valida skond l-istess artikoli.

4.2) Illi in vista’ ta’ dan, l-esponenti jissottomettu li r-rikorrenti qed jittentaw din l-azzjoni taht forma ta’ terzo appello fejn l-eredi tan-Nutar Hayman intavolaw il-mandat in procinctu esekuttiv minhabba in-non osservanza tad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell datata 27 ta’ Gunju 2008 da parti mir-rikorrent, liema decizjoni hija certament res gudicata. Ghalhekk jidher li l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni mhux vjolat ghaliex it-twaqqif ta’ l-ordni ghall-bejgh b’subbasta tal-proprjeta tar-rikorrenti b’konsegwenza diretta ta’ mandat esekuttiv li gie akkordat mill-Qorti certament mhux kopert taht dan l-Artikolu tal-Kostituzzjoni, aparti l-fatt li r-rikorrenti ma jistghux jippretendu li jitolbu kumpens xieraq ghall-proprjeta taghhom li hija maqbuda precisament minhabba l-inadempjenza taghhom ma’ l-imsemmija decizjoni tal-Qorti tal-Appell. Referenza ssir ghas-sentenza fl-ismijiet “Nazzareno Galea et vs Giuseppe Briffa et” (Qorti Kost. Rikors numru 303/90 – 30/11/01), li ghalkemm tirrigwardja cirkostanzi ben diversi intqal:

“….l-artikolu 37 jitkellem car u tond fuq cahda tal-proprjeta’ jew id-dritt fuqha minghajr kumpens xieraq. Ifisser dan li ghandek vjolazzjoni jekk ghandek privazzjoni totali tal-proprjeta’ jew xi jedd fuqha minghajr l-ebda kumpens jew ahjar minghajr kumpens li ma jkunx xieraq. Din il-konkluzjoni hi wkoll suffragata mill-kumplament tal-artikolu 37 li proprju jipprovdi li dan il-kumpens kellu jigi stabbilit mil-ligi u li l-kwantifikazzjoni tieghu kellha tkun soggetta ghall-iskrutinju ta’ Qorti b’kompetenza li tinvesti tali mertu biex tassigura l-gustizzja tal-kumpens. Hi allura l-fehma ta’ din il-Qorti illi fil-kaz taht ezami ma jokkorrux l-estremi tal-ewwel paragrafu tal-artikolu 37 in kwantu kif fuq elaborat hawn non si tratta ta’ tehid ta’ proprjeta’ jew ta’ jedd fuqha taht xi forma jew ohra izda ta’ limitazzjoni tal-uzu tal-istess proprjeta’ limitazzjoni li tista’ tkun koperta bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni imma li

ma jidhirx li tista' tigi inkwadrata fil-parametri tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta".

Di piu, fil-kaz odjern lanqas ma wiehed jista' jitkellem dwar tehid ta' proprjeta' minghajr kumpens billi mir-rikavat tal-bejgh b'subasta r-rikorrenti se jiskarikaw obbligu legali li ghandhom u ghalhekk huma m' humiex se jibqghu midjunin lejn il-kontroparti ghall-ammont ta' dik l-obbligazzjoni. Hemm ghalhekk korripspettiv car ghall-bejgh gudizzjarju forzuz.

Huwa ukoll rilevanti illi jekk ir-rikorrenti jobdu l-ordni moghti permezz tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas-27 ta' Gunju 2008 u jirripristinaw il-flus zbankati minnhom irregolarment fil-kont bankarju meritu ta' dik il-kawza l-imsemmi bejgh subasta ma jkollux ghalfejn isir. Illi ghalhekk l-allegat tehid tal-proprjeta qieghed isir bhala konsegwenza diretta ta' l-ghazla tar-rikorrenti li jibqghu jisfidaw l-ordni tal-Qorti.

5) L-allegat ksur ta' l-Artikolu 38(1) tal-Kostituzzjoni (protezzjoni ghall-intimita tad-dar jew proprjeta ohra)

Fil-kaz mertu tal-vertenza odjerna, certament ma jistax jinghad li c-cirkostanzi tal-kaz jinkwadraw f'vjolazzjoni ta' dan is-sub-artikolu li jistipula li hadd ma ghandu jigi assoggettat ghat-tfittix fuq il-persuna tieghu jew proprjeta tieghu jew ghad-dhul minn ohrajn fil-post tieghu.

Il-bejgh subasta huwa ampjament kopert bl-eccezzjonijiet permissibbli f'dan l-artikolu.

6) L-allegat ksur ta' l-artikolu 39(2)(3) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja (smiegh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi)

6.1) Illi in kwantu r-rikorrenti qed jallegaw l-ksur ta' l-Artikolu 6, jigi rilevat ukoll li r-rikorrenti ma sofrew ebda ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq.  Fil-fatt fir-rikors promutur m'hemm l-ebda fatti li jindikaw ksur ta' dan l-artikolu stante li l-ordni ghas-subbasta giet imposta skond

il-ligi b'konsegwenza diretta ta' l-agir irregolari tar-rikorrenti meta r-rikorrent Edmond Mugliette (fatt li ma jidhirx li gie kontestat) gibed ammont sostanzjali minn kont bankarju kongjunt mill-Bank of Valletta l-ghada li miet in-Nutar Hayman, minghajr ma avza lill-Bank li n-Nutar kien miet.

Ma hemm xejn fir-rikors promotur illi jindika illi waqt il-proceduri quddiem il-Qrati kompetenti ir-rikorrenti ma kellhomx opportunita jipprezentaw il-kaz taghhom jew ma inghatawx smiegh xieraq.

6.2) Illi fil-ktieb "Article 6 of the European Convention on Human Rights – The Right To A Fair Trial" ta' Andrew Grotrian jinghad illi:-

"The requirement of fairness covers the proceedings as a whole, and not only those in an oral hearing. The question of whether a person has had a 'fair hearing' is thus approached by looking at the whole proceedings, although a particular incident may have a decisive effect."

L-imsemmi awtur jelenka il-principji li jinkorpora fih l-imsemmi Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u dawn jikkonsistu "inter alia" f'"The most established right added to Article 6(1) is the principle of the equality of arms. This is important to understand the operation of the underlying principle of 'fairness' and although it is not explicitly expressed in Article 6(1) it is necessarily implied. This concept comprises the idea that each party should have an equal opportunity to present his case and that neither party should enjoy any substantial advantage over his opponent. This concept of equality of arms was first mentioned in the Neumaister case (27/6/1968) and has been a feature of Article 6(1) ever since. The Commission has expressed the principle in respect of both criminal and non-criminal cases and in the context of civil cases between private parties, the Court has said:-

"The court agrees with the Commission that as regards litigation involving opposing private interests,

equality of arms implies that each party must be afforded a reasonable opportunity to present his case – including his evidence – under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis a vis his opponent."[1]

6.3) Tribunal Indipendenti u imparzjali

Illi fil-kaz in ezami jidher mid-decizjonijiet imsemmija bejn il-partijiet involuti u cioe kemm il-Prim Awla tal-Qorti Civili, kif ukoll l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell li ikkonfermat id-decizjoni ta' l-Ewwel Istanza fis-27 ta' Gunju 2006 li l-Qrati kienu kemm indipendenti u imparzjali u ddecidew b'mod ragonevoli u skond il-ligi, wara li taw opportunita xierqa lill-partijiet kollha interessati li jressqu l-provi u l-kaz taghhom skond id-dettami tal-ligi. Inoltre, ir-rikorrent ma pproducew l-ebda prova li b'xi mod tista' twassal ghall-konkluzjoni li l-Qrati koncernati ma imxewx skond id-dettami tal-ligi.

7) L-allegat ksur ta' l-Artikolu 1 (dritt tal-pacifiku pussess tal-proprjeta) u l-Artikolu 8(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja (dritt ghar-rispett tal-hajja privata u tal-familja)

L-esponenti jissottomettu wkoll li l-interpretazzjoni li l-rikorrenti qed jaghtu tal-kwadru tal-fatti li l-ordni tas-subbasta jilledi d-drittijiet fundamentali ghall-hajja privata u ghad-dritt tal-pacifiku pussess tal-proprjeta hija inkorretta u zvijanti stante li minn imkien ma johrog id-dritt kemm taht l-Kostituzzjoni kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem li jekk persuna titlef kawza li illum saret res judicata u wiehed ma jonorax l-ordni ta' dik is-sentenza, allura ghandha d-dritt awtomatiku li jwaqqaf ordni ghas-subbasta mahruga wara li gie akkordat mandat in procinctu esekuttiv ai termini ta' l-Artikolu 388E tal-Kap 12. Ghalhekk jidher li r-rikorrenti baqghu jitrattjenu sabiex jottemperaw ruhhom mad-decizjoni ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell datata 27 ta' Gunju 2008 u issa qed jittentaw din l-azzjoni sabiex iwaqqfu l-effetti tal-ordni tas-subbasta mahruga ai termini tal-ligi.

[1] **Dombo Beheer BV v The Netherlands** – (27/10/1993)

F’dan ir-rigward, u cioe fir-rigward ta’ l-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protocol u ta’ l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja l-esponenti, a skans ta’ ripetizzjoni, jirreferu ghal dak diga sottomess hawn fuq fir-rigward tal-Artikoli relattivi tal-Kostituzzjoni.

Ghalhekk l-intimati in konkluzjoni talbu li t-talbiet tar-rikorrenti jigu michuda.

Rat li b’digriet taghha tal-14 ta’ Lulju 2009 li bih John Patrick u Mary Carmen mizzewgin Hayman, Christopher Hayman u Raymond Pickard f’ismu proprju u bhala legittimu rappresentanti ta’ bintu minuri Elaine gew awtorizzati li jintervjenu fil-kawza.

Rat l-affidavit tar-rikorrenti Edmond Espedito Mugliette u dak tar-rikorrenti l-ohra Marthese Mugliette.

Semghet lill-istess zewg rikorrenti in kontro-ezami.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-intervenuti fil-kawza.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-intimati

Semghet it-trattazzjoni orali u finali tal-abbli difensuri tal-partijiet kollha.

Rat l-atti l-ohra kollha u d-dokumenti esibiti.

Rat li r-rikors gie differit sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

**Fatti**

Jirrizulta li r-rikorrenti Edmond Espedito Mugliette kellu kont, jew ahjar “joint account,” f’bank lokali fl-imkien mal-mibki Nutar John Hayman li miet fl-20 ta’ April, 2004. Ftit sieghat biss wara li miet in-Nutar, ir-rikorrenti gibed mill-

imsemmi kont bankarju l-ammont ta' Lm40500 u dan minnhajr ma nforma lill-Bank bil-mewt tan-Nutar. Il-Bank ghalhekk meta ppermetta li r-rikorrenti jigbed l-imsemmija somma ma kienx konsapevoli li n-Nutar kien miet.

Jirrizulta ukoll li, minhabba l-imsemmi fatt, l-intervenuti fil-kawza pprocedew kontra r-rikorrenti u fis-sentenza relattiva l-Prim Awla tal-Qorti Civili, liema sentenza nghatat fit-2 ta' Gunju 2006 ("John Patrick Hayman et vs Edmond Espedito Mugliett et" - Citazzjoni numru 1059/2003), iddecidiet billi kkundannat lir-rikorrenti jiddepositaw fil-kont bankarju in kwestjoni l-imsemmija somma ta' Lm40,500 flimkien ma' imghax fuq l-istess somma kapitali kalkolati mid-data 21 ta' April, 2001 sad-depositu effettiv. F'dik il-kawza r-rikorrenti eccipew li l-mejjet Nutar John Hayman kien biss "prestanome" fuq il-kont in kwetjoni u kien jaf li l-flus fil-kont ma kienux jappartjenu lilu izda lir-rikorrenti. Ir-rikorrenti appellaw minn l-imsemmija sentenza peress li l-istess sentenza kienet ser tkun esegwibbli qabel ma r-rikorrenti in effett gew dikjarati li kienu debituri jew li kienu responsabbli. Il-Qorti tal-Appell cahdet l-imsemmi appell u rriteniet li l-appell tar-rikorrenti kellu jitqies li kien frivolu u vessatorju tant li r-rikorrenti gew kundannati jhallsu spejjez doppji.

Sussegwentement l-intervenuti fil-kawza ottjenew il-hrug ta' mandat in "procinctu" kontra r-rikorrenti fejn talbu illi tinbiegh b'subbasta r-residenza tar-rikorrenti u cioe' "Rose Cottage", Karm Psaila Street, B'kara. Il-Qorti, li ordnat il-hrug tal-imsemmi mandat, ordnat ukoll lir-Regisratur taghha li mir-rikavat tal-eventwali subasta tigi depositata l-imsemmihja somma ta' Lm40,500 oltre l-imghaxijiet skond kif ordnati fl-imsemmija sentenzi u jekk ikun fadal bilanc dan jinghata lir-rikorrenti odjerni. Inghatat ukoll l-ordni lir-Regisratur tal-Qorti biex jipprocedi bil-bejgh in subasta tal-imsemmija residenza tar-rikorrenti odjerni. L-istess rikorrenti odjerni talbu li tigi revokata l-imsemmija ordni, pero' l-Qorti kompetenti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba. Fl-appell relattiv it-tlett imhallfin sedenti cahdu t-talba biex jigu rikuzati u ghaddew biex cahdu t-talbiet kollha tar-rikorrenti odjerni minnghajr ma rrinvijaw l-atti lura lill-Qorti tal-prim istanza. Ghalhekk gew konfermati l-

ordnijiet kolllha kontenuti fid-digriet li nghata relattiv ghal hrug tal-mandat in procinctu.

Sussegwentement ir-rikorrenti odjerni pprocedew b'kawza petitorja kontra l-intervenuti fil-kawza sabiex jigi dikjarat u determinat ta' minn kienu l-flus fil-kont bankarju in kwistjoni.

**Pretensjonijiet tar-rikorrenti**

Ir-rikorrenti qed isostnu li gew vjolati d-drittijiet umani fondamentali taghhom billi gew miksura fil-konfront taghhom il-provedimenti tal-artikolu 1, 6(1) u 8(1) tal-Konvenzjoni Europea kif ukoll il-provedimenti tal-artikoli simili u relattivi tal-Konvenzjoni. F'dan ir-rigward ir-rikorrenti jissottomettu li l-effett kumplessiv tas-sentenzi u digrieti fuq indikati huwa illi huma gew deprivati u ser jigu spussessati mit-tgawdija pacifika tal-proprjeta' privata taghhom gudizzjarament, filwaqt illi ma hemm ebda akkuza u qatt ma nstabet htija kriminali fl-agir taghhom u meta huma qatt ma gew dikjarati li huma debituri tal-eredi tan-Nutar Hayman jew li huma responsabbli ghad-danni versu l-istess eredi tan-Nutar Hayman. Ir-rikorrenti jsostnu li huma gew prekluzi milli jitolbu per via ta' eccezzjoni illi tigi ttrattata l-kwistjoni ta' propjeta' tal-flus fil-kont bankarju in kwestjoni. Inoltre, skond ir-rikorrenti, sal-presenti stadju l-proceduri kienu kollha ta' natura kawtelatorja filwaqt illi l-mandat in procinctu huwa mandat unikament intiz bhala mandat esekuttiv. Inoltre f'dan ir-rigward ir-rikorrenti jissottometti li l-fond li ser jinbiegh bis-subasta hu d-dar matrimonjali residenzjali tar-rikorrenti u uliedhom u ghar-rigward ta' din ir-residenza ghadd hemm x'jithallas self.

**Talbiet tar-rikorrenti**

In effett ir-rikorrenti qed jitolbu li jinghataw dawk l-ordnijiet u provedimenti kollha necessarji u opportuni sabiex jigu mwettqa fil-konfront taghhom id-drittijiet fundamentali kif protetti fl-imsemmijin artikoli tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u dan billi jigi dikjarat li l-ordni mahruga bil-mandat in procintu lir-Registratur tal-

Qrati, li jbiegh l-propjeta' tal-esponenti bis-subasta, tikkosttiwixxi ksur tad-drittijiet funamentali sanciti mill-imsemmija artikoli u billi jigi dikjarat li l-imsemmija sentenzi tal-Prim Awla tal-Qorti Civili u dik relattiva tal-Qorti tal-Appell ksur tad-drittijiet fundamentali sanciti mill-istess disposizzjonijiet, billi jigi ordnat lir-Registratur tal-Qrati, sabiex jieqaf minn kull esekuzzjoni tal-ordnijiet moghtija lilu taht il-mandat in procinctu in kwstjoni u billi d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi informat b'kwalunkwe thassir jew eventwali kontro mandat ghar-rigward tal-ordni biex isir il-bejgh bis-subasta u billi jigi ordnat lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti bhala kumpens l-ispejjes gudizzjarji intaxxati kollha inkorsi minnhom fl-imsemmija proceduri kif ukoll li jhallsu kwaunkwe kumpens iehor ulterjuri xieraq u billi r-rikorrenti jinghataw kwalunkwe rimedju iehor skond l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni.

**Eccezzjonijiet tal-intimati**

Fir-risposta taghhom l-intimati jissottomettu li l-intimat Ministru tal-Gustizzja mhuwiex il-legittimu kontradittur u dan b'referenza ghall-artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Jissottomettu ukoll li l-gudizzju m'huwiex integru u li t-talbiet tar-rikorrenti ma ghandhomx isiru kontra l-intimati billi essenzjalment ir-rikors odjern jikkoncerna vertenza bejn partijiet privati u liema vertnza gia giet deciza mill-Qrati kompetenti u li ghaddiet in gudikat. Jissottomettu ukoll li din l-azzjoni hija frivola u vessatorja fil-konfront ta' l-intimati stante li essenzjalment hi tikkostitwixxu r-riproponiment ta' kwistjoni li giet gia deciza mill-Qrati kompetenti, meta dina l-Qorti hi kompetenti biss li tittratta u tiddeciedi jekk gewx miksura xi drittijiet fondamentali protetti bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni Ewropeja.

Dwar l-allegat ksur tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem l-intimati jeccepixxu li ma sehh l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem fil-konfront tar-rikorrenti billi l-artikoli in kwestjoni jippresupponu li jkun hemm tehid forzat tal-proprjeta' u li ma jkunx inghata kumpens xieraq. Fil-kaz in esami ma jesisti ebda tehid furzat ta proprjeta da part ital-Istat u ma

hemmx kwestjoni dwar xi kumpens. Inoltre l-vertenza bejn ir-rikorrenti u l-intervenuti fil-kawza, liema vertenza hi ta' natura civili u li tat lok ghal dawn il-proceduri, giet finalment deciza anke fl-istadju ta' appell u l-ezitu kien li r-rikorrenti ma kellhomx ragun skond il-ligi anzi l-appell taghhom gie dikjarat bhala frivolu u vessatorju. Hawnhekk hemm biss bejgh forzuz ta' proprjeta in ezekuzzjoni ta' sentenza tal-Qorti, liema sentenza ghandha titqies bhala legalment valida skond il-provedimenti tal-istess artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea in kwestjoni. Skond l-intimati hu importanti l-fatt li r-rikorrenti naqsu milli jottemperaw ruhhom mad-decizjoni finali tal-Appell u ma rripristinawx il-kont bankarju in kwistjoni billi ddepositaw fih is-somma li precedentement huma irtiraw mill-istess kont.

Skond l-intimati r-rikorrenti qed jittentaw din l-azzjoni taht forma ta' terzo appello. Barra minn hekk il-kwestioni tal-kumpens xieraq ma tidholx f'din il-vertenza stante li ma hemmx "kumpens xieraq" x'jinghata. In effett skond l-intimat jekk ir-rikorrenti jobdu l-ordni moghti permezz tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas-27 ta' Gunju 2008 u jirripristinaw il-flus zbankati minnhom irregolarment fil-kont bankarju meritu ta' dik il-kawza, l-imsemmi bejgh subasta ma jkollux ghalfejn isir. Ghalhekk l-allegat tehid tal-proprjeta qieghed isir bhala konsegwenza diretta tal-ghazla tar-rikorrenti li jibqghu jisfidaw l-ordni tal-Qorti. Dwar l-allegat ksur ta' l-Artikolu 38(1) tal-Kostituzzjoni certament ma jistax jinghad li c-cirkostanzi tal-kaz jinkwadraw f'vjolazzjoni ta' dan is-sub-artikolu li jistipula li hadd ma ghandu jigi assoggettat ghat-tfittix fuq il-persuna tieghu jew proprjeta tieghu jew ghad-dhul minn ohrajn fil-post tieghu.

Dwar l-allegat ksur ta' l-artikolu 39(2)(3) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, l-intimati jissottomettu li r-rikorrenti ma sofrew ebda ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq u r-rikorrenti ma qalu xejn fir-rikors promotur li jista jindika illi waqt il-proceduri quddiem il-Qrati kompetenti ir-rikorrenti ma kellhomx opportunita jipprezentaw il-kaz taghhom jew ma inghatawx smiegh xieraq. Hu zgur li d-decizjonijiet kemm il-Prim Awla tal-

Qorti Civili, kif ukoll l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell inghataw minn Qrati li kienu kemm indipendenti u imparzjali u ddecidew b'mod ragonevoli u skond il-ligi, wara li taw opportunita xierqa lill-partijiet kollha interessati li jressqu l-provi u l-kaz taghhom skond id-dettami tal-ligi. Skond l-intimati l-interpretazzjoni tar-rikorrenti tal-fatti li taw lok ghall-ordni tas-subbasta mhux korrett u ma gewx lezi d-drittijiet ghall-hajja privata u ghad-dritt tal-pacifiku pussess tal-proprjeta.

**L-intervenuti fil-kawza**

L-eredi tal-kompjant Nutar John Mugliette gew awtorizzati jintervjenu f'dawn il-proceduri u dan minhabba l-interess ovvju li ghandhom fl-esitu ta dawn l-istess proceduri.

Jirrizulta minn nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti li l-kawza intentata mir-rikorrenti sabiex tigi stabbilita l-proprjeta tal-flus fil-kont banjkarju in kwestjoni ghadha pendenti quddiem il-Qorti kompetenti u tinsab fl-istadju tal-gbir tal-provi. Fl-istess nota r-rikorrenti specifikaw li l-lanjanzi Kostituzzjonali taghhom huma naxxenti mill-fatt illi qabel ma gie determinat minn hu s-sid tal-kont bankarju in kwestjoni l-eredi tan-Nutar Hayman ottjenew il-hrug ta' mandat in procintu kontra taghhom, f'liema mandat gie ordnat il-bejgh bis-subasta tar-residenza taghhom fejn jghixu flimkien ma uliedhom. Dan il-mandat inhareg in esekuzzjoni ta' sentenza fis-sens li r-rikorrenti kellhom jirripristinaw il-kont bankarju in kwestjoni billi jiddepositaw fih l-ekwivalenti tas-somma li ngibdet minnhom ftit wara li miet il-ko-intestarju tal-istess kont. In effett jirrizulta li sal-gurnata tallum ir-rikorrenti naqsu li jottemperaw ruhhom mal-imsemmija ordni tal-Qorti kompetenti.

Ghandu jigi puntwalizzat li l-intervenuti fil-kawza kellhom kull dritt skond il-ligi li jagixxu bil-mod li pprocedew. Gie regolarment u legalment deciz li l-kont banjkarju kellu jigi ripristinat kif ordnat u l-intervenuti fil-kawza kellhom kull dritt moghti mill-ligi li jitolbu u jottjenu l-hrug tal-mandat in procintu. Il-Qorti kompetenti irriteniet li l-eredi tan-Nutar Hayman kellhom id-dritt li l-kont bankarju in kwestjoni jerga juri l-ammont li kien fih fil-hin tal-mewt tan-Nutar

Hayman. Sabiex jipprotegu dan id-dritt l-eredi tan-Nutar Hayman talbu u ottjenew regolarment il-hgrug tal-mandat in kwestjoni u m'hemmx dubju li l-hrug tal-mandat sar skond il-ligi u fuq talba fondata legalment tal-intervenuti fil-kawza. Hu immaterjali u legalment ghal kollox irrilevanti li bhala konsegwenza ser tinbiegh id-dar residenzjali tal-familja Mugliett.

L-artikolu 388G tal-Kap.12, liema artikolu dahal fis-sehh ftit taz-zmien ilu, jipprovdi li tista tinghata kull ordni necessarja sabiex jigi assigurat li jigu esegwiti l-ordnijiet li jkunu nghataw f'sentenza pero' tali ordni tista tinghata biss wara li l-Qorti tkun sodisfatta li ma hemm ebda mezz iehor ta' esekuzzjoni. Jirrizulta li effettivament il-hrug tal-mandat in kwestjoni gie ordnat skond il-ligi u regolarment. Infatti in vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz in esami jista jkun li kien ikun aktar legittimu li jigu attakati bhala inkostituzzjonali l-imsemmija provedimenti tal-ligi dwar il-mandat in procintu, mentri r-rikorrenti ghazlu li jattakaw il-kosegwenzi tal-hrug tal-mandat. Effettivament pero' ghadu jinghad li l-presenti kawza tista tissokta fuq il-parametri stabbiliti mir-rikorrenti fir-rikors promoter u inoltrjidher ukoll li l-vertenza sollevata mir-rikorrenti timmerita li tigi approfondita mill-Qorti.

Hu minnu li, kif qed jissottomettu r-rikorrenti, s'issa ghad ma hemm l-ebda decizjoni tal-Qrati dwar lil min jappartjenu l-fondi fil-kont in kwistjoni. Hu minnu ukoll li n-natura tal-mandat in procintu hi essenzjalment esekuttiva. Hu minnu ukoll, pero', li bil-mandat in kwestjoni qed jigi assigurat li tigi esgwita sentenza legittima tal-Qorti u dan billi tinghata kull ordni necessarja sabiex dak li gie ordnat isehh. Jidher li dan hu l-unku mod kif ir-rikorrenti jistghu jigu mgieghla joqodu ghall-ordijiet tal-Qorti billi s'issa huma jirrifjutaw li jiddepositaw l-ammont in kwestjoni fil-kont bankarju in kwestjoni. Hija din l-ordni li trid tigi esegwita u ghalhekk kwistjonijiet ohra, bhal proprjeta tal-kont bankarju huma f'dan l-istadju irrilevanti. Hemm decizjonijiet legittimi, anke fl-istadu tal-appell, li jirribadixxu dan il-kuncett.

Bla dubbju l-Qorti li ordnat il-hrug tal-mandat in procintu u li ordnat il-bejgh bis-subasta tal-proprjeta in kwestjoni, irriteniet li essenzjalment dan kien l-uniku mod kif semmai ir-rikorrenti kienu ser jottemperaw mal-ordni tal-Qorti. Il-bejgh bis-subasta ma jistax jitqies li hu bejgh furzat ta' proprjeta. Il-bejgh bis-subasta hu legittimu u sancit kemm mill-Kostitruzzjoni kif ukoll mill-Konvenzjoni. Ma hemm l-ebda punti in komuni bejn bejgh furzat u bejgh bis-sub-asta. Hu ukoll evidenti li hawnhekk non si tratta ta' kanonizzazzjoni ta' kreditu izda si tratta li ordni legittima tigi esegwita.

Hu minnu ukoll li l-bejgh bis-sub-asta gie ordnat minghajr prejudizzju ghall-kwistjoni ta' min huma l-flus fil-kont bankarju in kwestjoni u l-kwistjoni dwar ta' min huma dawn il-flus ghadha ma gietx determinata. Hu minnu ukoll li jista jkun li eventwalment l-eredi tan-Nutar Hayman ma jkollhom ebda dritt fuq dan il-kont. Hawnhekk si tratta li tigi rispettata l-ordni kontenuta f'sentenza legittima tal-Qorti. Inoltre dwar ir-rikuza tal-Imhallfin tal-Qorti tal-Appell d-decizjoni relattiva kienet korretta u b'din id-decizjoni ma gew vjolati ebda drittijiet tar-rikorrenti stante li id-decizjoni ma kinitx tolqot is-suntanza tal-kwestjoni.

Fl-opinjoni tal-Qorti ma hemm ebda vjolazzjoni tad-dritt tas-smiegh xieraq in kwantu gie ordnat il-bejgh b'subasta tal-proprjeta' tar-rikorrenti minghajr ma ghadu gie determinat min ghandu l-jedd fuq il-flus in kwistjoni. Hawnhekk ir-rikorrenti qed jigu sfurzati li jottemperaw ruhhom mal-ordni tal-Qorti u mhux li jhallsu xi dejn li ghadu mhux determinat. Id-determinazzjoni tat-talba ghar-revoka tal-mandat in procinctu ma ghandha x'taqsam xejn mal-appell tar-rikorrenti mis-sentenza li biha ir-rikorrenti gew ordnat jiddepositaw lura l-flejjes minnhom sbankati.

Ir-rikorrenti jilmentaw li gew lezi fil-konfront taghhom id-drittijiet sancitui fl-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u cioe' d-dritt ghad-dgawdija tal-proprjeta kontra tehid sfurzat. F'dan ir-rigward ir-rikorrenti qedghin jilmentaw li bil-hrug tal-mandat in procintu in kwestjoni l-ordni relattiva ghal bejgh b'subasta tad-dar taghhom twassal ghal tehid sfurzat tal-

proprjeta' taghhom u konsegwentement ta' telf irreversibbli tal-patrimonju taghhom. Ghalhekk l-ordni ghal bejgh b'subasta tad-dar tar-rikorrenti ser twassal ghal vjolazzjoni tad-dritt tal-protezzjoni min privazzjoni ta' proprjeta. Ir-rikorrenti jargumentaqw ukoll li l-hrug tal-mandat in procinctu ser iwassal ghat-telf irrimedjabbli tad-dar tal-familja Mugliette. Tali interferenza hi ukoll sproporzjonata u mhux mehtiega ghaliex tali tehid, wiehed irrimedjabbli, qieghed jigi ordnat b'effett ta' issa, izda fl-interess postpost ghal wara li jigi determinat min ghandu dritt ghal ammont ta' flus. Dan wassal ukoll ghall-interferenza fil-hajja tal-familja u f'dak li jirrigwarda r-residenza taghhom. F'dan ir-tigward jerga jigi ribadit li hawnhekk si tratta li tigi enforzata decizjoni ta' Qorti kompetenti ma hemm ebda interferenza fil-hajja tal-familja u tehid tad-dar residenzjali tar-rikorrenti. Dan kollu hu in effett naxxenti mill-fatt li r-rikorrenti ostinaw ruhhom u ghandhom qed jostinaw li ma joqodux ghall-imsemmija ordni tal-Qorti. Appuntu meta jigri dan il-ligi tghati l-opportunita li l-odni tal-Qorti tigi esegwita bil-hrug tal-mandat in procintu. Ghandhom ragun l-intimati u l-intervenuti fil-kawza meta jissottomettu li l-bejgh bis-subasta jista facilment jigi evitat mill-istess rikorrenti billi isir id-depositu ordnat bl-imsemmija sentenza. Ghalhekk hu zgur li ma jistax jinghad li s-subasta ser issir fuq semplici suspett ta' kreditu.

Hu veru li c-cittadin ghandu d-dritt li jigu determinati drittijiet u responsabilitajiet civili tieghu u d-dritt li tali determinazzjoni ssir minn tribunal imparzjali, pero ghhandu ukoll l-obbligu li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija minn Qorti kompetenti.

Fid-determinazzjoni tal-vertenza bejn ir-rikorrenti u l-intervenuti ma jirrizultax li kien hemm imposta xi limitazzjoni ghad-dritt tal-partijiet li jittrattaw u jgibu l-provi taghhom. Jirrizulta ukoll li kien hemm il-bilanc xieraq jew proporzjonalita' xierqa bejn il-mezzi uzati rispettivament minn kull parti. Hawnhekk il-kwestjoni principali mhux lil min jappartjenu l-flus f'kont bankarju kongunt izda l-kwestjoni hi li l-ordnijiet legittimi tal-Qorti ghandhom jigu esegwiti u xejn aktar. Ma hemm ebda sproporzjonalita

bejn l-iskop tal-mandat in procintu u l-effetti li dan jista jkollu. Il-kont in kwestjoni hu f'isem ir-rikorrenti pero' hu ukoll f'isem haddiehor u gew sbankati flus minn dan il-kont minnhajr il-kunsens tat-titolari kollha tal-istess kont. Mhux talli hekk izda ukoll jirrizulta li r-rikorrenti agixxa b'tali mod li l-Bank ma kienx konsapevoli bil-mewt ta' wiehed mit-titolari tal-kont in kwestjoni. Inoltre hu ekwu u gust li qabel ma jigi deciz ta' min huma l-flus fl-istess kont bankarju s-sitwazzjoni terga tingieb lura kif kienet qabel il-mewt tal-imsemmi Nutar Hayman. L-azzjoni tal-bejgh tal-proprjeta tar-rikorrenti hi rrimedabbli pero' l-bejgh jista jigi evitat biili r-rikorrenti jaghmlu d-depositu skond l-ordni tal-Qorti.

Ma tirrizulta ebda imparzjalita' oggettiva fil-proceduri quddiem il-Qorti tal-Appell u ghar-rigward tad-determinazzjoni tat-talba tar-rikorrenti ghar-rikuza tal-Imhallfin sedenti. In effett ma kien hemm ebda relazzjoni bejn dak li kien gia gie deciz u dak li kien ser jigi deciz fl-appell in kwestjoni. Jigi notat li l-varji vertenzi bejn il-partijiet in kwestjoni gew determinati darbtejn mill-qorti ta' prima istanza u darbtejn fi stadju ta' appell. Jigi ukoll rilevat li l-bejgh bis-subasta gie ordnat in konnessjoni mat-twettiq tal-ordni tal-Qorti u l-kwestjoni tal-proprjeta' tal-fond li ser jinbiegh hi irrilevanti sakhemm jirrizulta li din il-proprjeta tal-fond hi in effett ta' minn kellu joqod ghall-odni in kwestjoni. Hu ukoll irrilevanti l-uzu li jsir mir-residenza immobbli tar-rikorrenti. Il-fatt li r-rikorrenti jistghu jitilfu irrimedjabilment il-proprjeta' hu ukoll fattur irrilevanti ghall-finijiet ta' dawn il-proceduri. Inoltre l-esekuzzjoni minghajr determinazzjoni ta' drittijiet ohra li mhux rilevanti ghal finijiet tal-kwestjoni vera in ballo hi permissibli mil-ligi. Inoltre jinghad li l-ordni ta' bejgh in kwestjoni bl-ebda mod ma tista tinghad li tammonta ghal interferenza mhux gustifikata fil-hajja familjari tar-rikorrenti kif ukoll fid-dritt taghhom ghal-privatezza fid-dar taghhom peress li jekk tesisti interferenza din hi bazata fil-ligi u ghandha ghan legittimu. Irid dejjem jigi mfakkar li ghawn fi kwalumkwe kaz si tratta ta' enforzar ta' ordni tal-Qorti. In vista tac-cirkostanzi kollha tal-kaz jidher li r-rikorrenti bil-presenti proceduri qed jippruvaw li l-vertenza civili in kwestjoni tigi riveduta u terga tigi deciza mill-gdid. Hu indubbju li dan mhux il-kompitu ta' din il-Qorti.

Jidher li hu minnu dak li ssottomettew l-intervenuti fil-kawza li r-rikorrenti qatt ma issollevaw qabel l-ilmenti taghhom kif qed jissollevawhom fil-presenti proceduri. Dan hu indikattiv ghar-rigward tal-vera raguni ghaliex ir-rikorrenti pprocedew bil-presenti azzjoni. Ir-rikorrenti, ghaliex hekk jaqbillhom, jargumentaw fuq id-dar li ser tinbiegh pero' jidher li huma qed jinsew li gew ordnati jaghmlu depositu, ordni li sa issa rrifutaw li jesegwixxu, u issa qed jittantaw din il-kawza kostituzzjonali meta huma injoraw kompletament li jaghmlu dak li gew ordnati jaghmlu. Ir-rikorrenti jaghmlu referenza ghall-hajja familjari meta jirrizulta li huma ser jisseparaw u jidher li ghall-konvenjenza issa sabu qaghda bejnithom.

Il-funzjoni ta' din il-Qorti hi li tesamina jekk gewx vjolati xi jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti. In vista ta' dak kollu li gie premess ma jirrizultax li in effett gew miksurin id-drittijiet tar-rikorrenti u kwindi t-talbiet kollha tar-rikorrenti ma jimmeriawx li jigu akkolti.

Ghar-rigward tal-eccezzjonijiet tal-intimati ghandu jinghad li jirrizulta li l-intimat Ministru tal-Ġustizzja gie mharrek hazin u kwindi hu mhux il-leġittimu kuntradittur. Ghalhekk l-imsemmi intimat ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha:-

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tiddikjara li l-intimat Ministru tal-Gustizja mhux legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri u ghalhekk l-istess intimat qed jigi liberat mill-osseervanza tal-gudizzju, billi fit-tieni lok tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti u dan peress li ma jirrizultax li gew lezi fil-konfront tal-istess rikorrenti d-drittijiet fundamentali taghhom kif sanciti kemm fil-Kostituzzjoni kif ukoll fil-Konvenzjoni.

Spejjez kollha kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------